# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 9 ta' 2024, miżmuma nhar il-27 ta' Ġunju 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephan Cordina | Attard LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC (Online) | Membru |

Aġent Segretarju Eżekuttiv – Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**Aġenda**

1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni tal-President;
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;
5. Korrispondenza;
   5.1 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Tramuntana
   5.2 Waste Serve Invoice fuq ‘ Rejects ’
6. Rapporti;
   6.1 Aġġornament tar-rapport għat tieni qwart tas-sena ( Q2 );
   6.2 Reġjun Tramuntana Inventarju
   6.3 Manager tal-Kultura
7. Affarijiet oħra ta’ xogħol ieħor tal- Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa’;
   7.1 Purchase Orders
   7.2 European Week of Regions and Cities Brussles
   7.3 Annual General Meeting ( AGM ) 19/07/2024
8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;
9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:30 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza u fi spirtu ta' kollaborazzjoni u kontinwità, esprima l-gratitudni sinċiera lejn dawk li mhux ser ikunu parti minn dan il-kunsill fil-futur. Għax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom xtaq jirringrazzjhom. Hekk kif jibda kapitlu ġdid, ħeġġeġ lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex jidħlu f'djalogu miftuħ, ħsieb innovattiv, u soluzzjoni proattiva tal-problemi. Flimkien, nistgħu intejbu l-ħidma tagħna. President, is-Sur Clifford Galea talab li dan il-messaġġ jitwassal lis-Segretarji Eżekuttivi kollha inklużi dawk li bħalissa ikopru rwoli Acting jew Aġenti, sabiex sas-seduta li jmiss kollox ikun f'postu, immedjatament u niffaċilitaw tranżizzjoni ħafifa u governanza effettiva.

## - 1 Qari t’ Apoloġiji

Il-President Clifford Galea nforma li l-membri s-Sur Alfred Grima u s-Sur Chris Grech talbu li jiġu skużati, filwaqt li s-Sur Kyle Mifsud assenti peress li ma bagħat ebda talba t’apoloġija.

## - 2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-President Clifford Galea staqsa jekk raw il-minuti 7 li seħħet 13 ta’ Mejju 2024 u l-minuti 8 li seħħet 3 ta’ Ġunju 2024.
Is-sur Paul Vella ippropona l-minuti ta’ laqgħa numru 7 u 8. Is-Sur John Buttigieg issekonda.
Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 3 Komunikazzjoni tal-President

**3.1 Appoġġ komprensiv lill-Kunsilli Lokali ġodda** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li qed jitlob l-informazzjoni li ġejja tiġi sottomessa lill-Kunsill Reġjonali,

- Kompożizzjoni tal-Kunsill Lokali:
- Dmirijiet Assenjati mis-Sindku lil Kull Kunsillier:
- Reviżjoni tal-Għajnuniet Finanzjarji:
- Lista aġġornata tal-membri kollha tal-istaff (ismijiet, grad u email uffiċjali), kuntratturi kollha (oqsma ħfief, tindif tat-toroq eċċ. – ismijiet u email uffiċjali, data tal-iskadenza tal-kuntratt attwali), konsulenti u professjonisti (periti, avukati, inġiniera eċċ. - ismijiet u email uffiċjali, data tal-iskadenza tal-kuntratt attwali)
- Lista ta' (b'indirizzi jew indikati fuq pjan) soft areas, gonna, playing grounds, proprjetajiet tal-Kunsill Lokali, proprjetajiet pendenti talba ta' devoluzzjoni, dog bins, faċilitajiet ta' lattrini (kif qed jiġu mmaniġjati, hinijiet ta’ ftuh ecc.), CCTV cameras u siti ta' bring-in;
- Kwalunkwe business pjan, jew viżjoni għall-3 sa 5 snin li ġejjin, kif maqbul mill-Kunsill Lokali.

**3.2 High Level Political Forum** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li fil-10 sa 12 ta’ Lulju ġie mistieden izda rrifjuta għax mhiex il-mument opportun li dan iseħħ.

**3.3 Is-Soċjeta Mużikali San Pawl** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li irċieva talba għal għajnuna ta’ €800 sabiex jseħħ kunċert mużikali fit-22 ta’ Lulju 2024. Il-President Propona li r-Reġjun jista jofri €200 għar-riklam izda għandom jistaqsu lil Kunsill rispettiv tagħom għal għajnuna fl-attivita li tipartjeni għal Arti u Kultura .

**3.3 Ritorn ta' Laptop -** Il-President Clifford Galea għamel referenza għal ritorn tal-laptop fejn dan ġie lura pero vojt kif ukoll mangħir charger. B’hekk kellu jinxara power supply ġdid għalieħ.

## - 4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet mil-membri l-President Clifford Galea għadda għall-item li jmiss.

## - 5 Korispondenza

**5.1 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Tramuntana** - Il-President Clifford Galea spjega li irċieva korispondenza mingħand id-DLG fejn hemm imniżżel il-kandidati interessati għal pużizzjoni ta Segretarju Eżekuttiv. Informa li fil-laqgħa li jmis se jintgħażlu l-membri tal-board mil-leġizlatura l-ġdida sabiex jsiru l-intervisti.

**5.2 Waste Serve Invoice -** Il-President Clifford Galea informa li irċieva korispondenza minghand Waste Serve fejn bagħtu invoice ta € 98,187.80 li tipartjeni fuq Rejects tal-ħġieġ u boroż griżi kontaminati. L-AKL u d-DLG qed jikorrispondu minħabba l-fatt li r-Reġjuni

m'għandhom l-ebda viżibilita' ta' dak li jinġabar,  lanqas ghandhom saħħa fuq l-infurzar, la kif isisr, la fil-frekwenza, u lanqas fejn isir. Lanqas m'ghandhom poteri joħrogu taħrikiet. Għaldaqstant ma jistax ikun li jkunu huma li jinzammu responsabbli ta' ksur tal-ligi li qed jaghmel ħaddiehor. Għaldaqstant Is-Sur Angelo Micallef propona u issekonda s-Sur Paul Vella li l-invoice ma tiġix imnizzla flis-skeda u tinzamm pendenti sakem jsiru kjarifiki dwarha. Il-membri qablu unanimament.

## - 6 Rapporti

**6.1 Aġġornament tar-rapport għat tieni kwart tas-sena ( Q2 )** – qed jintalab li jsir varjant ta €250,000 għal rapport tat-tieni kwart tas-sena, sabiex jkopru l-iskemi li ħareg ir-Reġjun Tramuntana għal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Paul Vella propona, is-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**6.2 Reġjun Tramuntana Inventarju -**   Ġie preżentat document (Dok B) fuq l-inventarju. Saret diskussjoni. Is-Sur StefanCordina  propona li l-laptop fi ħdan l-inventarju jista jkun jigi mixtri mill-Kunsill Lokali Ħ'Attard wara diskussjoni dwar jekk andux użu għalieħ.
Saret diskussjoni fuq l-affarijiet neqsien fl-inventarju u s-Sur Angelo Micallef rekomanda li jintalab parir mil-accountant qabel ma titieħed xi azzjoni.

**6.2 Manager tal-Kultura** – Skond ir-rapport li sar mil-adjudication board, sar qbil li ħadt minnhom ma' laħaq il-livell meħtieġ. (dok C)

## - 7 Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa'

**7.1 Purchase Orders –** l-Agent Segretarju Ezekuttiv preżenta numru ta purchase orders (Dok A**)**

**7.2 European Week of Regions and Cities Brussles –** Wara diskussjoni ġie proponut li dan l-item ser jitella u jigi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**7.2 Annual General Meeting ( AGM ) 19/07/2024 –** Il-President informa li l-Annual General Meeting ser isir fid-19 ta' Lulju s-Seaview Hotel fil-ħamsa ta' filgħaxija**.** Se jintbghat mail shot għal publiku għal attendenza (resident u għaqdiet).

## - 8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-President Clifford Galea ppreżenta l-iskeda 175.
Wara li l-membri raw u skrutinaw il-kontijiet is-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Is-Sur Stephan Cordina sekonda l-mozzjoni.  Il-membri l-oħra qablu unanimament.

Il-President Clifford Galea ppreżenta l-iskeda 176.
Wara li l-membri raw u skrutinaw il-kontijiet is-Sur Angelo Micallef  ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Is-Sur John Buttigieg sekonda l-mozzjoni.  Il-membri l-oħra qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- **12. Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

  Il-President Clifford Galea għalaq il-laqgħa fis-sebgha u nofs ta’ filgħaxija. Wara li unanimament kien hemm qbil, li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta’ Lulju 2024 fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Clifford Galea Vella | Kristina Camilleri |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum, il-Ħamis 27 ta’ Ġunju 2024.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt